Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 28 ta' Lulju 2015**
**(OR. en)**

**10654/15**

**COPEN 192**
**EUROJUST 142**
**EJN 69**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Ivan Korčok, Ambaxxatur, Rappreżentant Permanenti, Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Slovakka għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 14 ta' Lulju 2015 |
| lil: | Is-Sinjura Christine Roger, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjonijiet Qafas 2003/577/ĠAI, 2009/948/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI<br>- Dikjarazzjonijiet u Notifiki maħruġa mir-Repubblika Slovakka |

Għażiża Direttur Ġenerali,

Wara t-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali, għandek issib mehmużin id-dikjarazzjonijiet rilevanti mir-Repubblika Slovakka.

Barra minn hekk, wara t-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea, it-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi, u l-iffirmar tal-Protokoll li jemenda t-Trattat bejn ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika Ċeka dwar l-għajnuna legali provduta minn korpi ġudizzjarji u dwar l-arranġamenti ta' ċerti relazzjonijiet legali fi kwistjonijiet ċivili u kriminali tad-29 ta' Ottubru 1992 u l-protokoll finali għalih, għandek issib mehmużin in-notifiki rilevanti mir-Repubblika Slovakka.

Annessi:

- Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka dwar id-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/JHA
- Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka dwar id-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI
- Notifika mir-Repubblika Slovakka dwar id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI
- Notifika mir-Repubblika Slovakka dwar id-Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI

(Formola ta' għeluq)

(f.) Ivan Korčok

**ANNESS**

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka dwar id-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/JHA dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew evidenza**

Ir-Repubblika Slovakka b'dan tagħmel din id-dikjarazzjoni:

**Artikolu 9(3):**

"Ċertifikati mibgħuta lill-awtoritajiet ġudizzjarji Slovakki għandhom ikunu bis-Slovakk jew ikollhom magħhom traduzzjoni bis-Slovakk. Ir-Repubblika Slovakka ser taċċetta ċertifikati skont dan l-att legali fir-rigward tar-Repubblika Ċeka biċ-Ċek."

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka dwar id-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali**

Ir-Repubblika Slovakka b'dan tagħmel din id-dikjarazzjoni:

**Artikolu 14(1):**

"Ir-Repubblika Slovakka tiddikjara li, għall-finijiet tal-proċedura ta' kuntatt f'konformità mal-Kapitolu 2, jista' jintuża s-Slovakk (u, fir-rigward tar-Repubblika Ċeka, iċ-Ċek)."

**Notifika mir-Repubblika Slovakka dwar id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea**

Ir-Repubblika Slovakka b'dan toħroġ din in-notifika:

**Artikolu 26(4):**

"Fid-29 ta' Ottubru 2012, il-Protokoll li jemenda t-Trattat bejn ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika Ċeka dwar l-għajnuna legali provduta minn korpi ġudizzjarji u dwar l-arranġamenti ta' ċerti relazzjonijiet legali fi kwistjonijiet ċivili u kriminali tad-29 ta' Ottubru 1992 u l-protokoll finali għalih ġew iffirmati. Il-Protokoll daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2014."

**Notifika mir-Repubblika Slovakka dwar id-Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi**

Ir-Repubblika Slovakka b'dan toħroġ din in-notifika:

**Artikolu 23(4):**

"Fid-29 ta' Ottubru 2012, il-Protokoll li jemenda t-Trattat bejn ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika Ċeka dwar l-għajnuna legali provduta minn korpi ġudizzjarji u dwar l-arranġamenti ta' ċerti relazzjonijiet legali fi kwistjonijiet ċivili u kriminali tad-29 ta' Ottubru 1992 u l-protokoll finali għalih ġew iffirmati. Il-Protokoll daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2014."